

## III

(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)

## ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/933/PESK

tat-30 ta' Novembru 2009

## dwar l-estensjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-ambitu territorjali tal-Ftehim dwar l-estradizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 24 u 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/516/KE tas-6 ta' Ġunju 2003 li tirrigwarda l-firma ta' numru ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar l-estradizzjoni u l-ghajjnuna legali reċiproka f'materji kriminali,

Billi:

- (1) B'segwitu tal-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill lill-Presidenza fis-26 ta' April 2002, bl-assistenza tal-Kummissjoni, biex tidħol f'negozjati mal-Istati Uniti tal-Amerika, ġew negozjati mal-Istati Uniti tal-Amerika żewġ Ftehimiet dwar il-koperazzjoni internazzjonali f'materji kriminali, wieħed dwar l-estradizzjoni u wieħed dwar l-assistenza legali reċiproka.
- (2) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/516/KE tas-6 ta' Ġunju 2003<sup>(1)</sup>, il-Ftehim dwar l-estradizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika<sup>(2)</sup> u l-Ftehim dwar l-ghajjnuna legali reċiproka bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika<sup>(3)</sup> ġew iffirmati fisem l-Unjoni Ewropea fil-25 ta' Ġunju 2003.
- (3) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/820/PESK tat-23 ta' Ottubru 2009<sup>(4)</sup>, il-Ftehim dwar l-estradizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Ftehim

dwar l-ghajjnuna legali reċiproka bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika ġew konklużi. Skont din id-deċiżjoni, fit-28 ta' Ottubru 2009, il-Presidenza tal-Kunsill, skambjat l-istrumenti ta' approvazzjoni mal-Avukat Ġenerali tal-Istati Uniti, f'Washington DC.

- (4) Iż-żewġ ftehimiet ser jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2010.
- (5) L-Olanda għarrfet lill-Presidenza li hija tixtieq testendi l-ambitu territorjali tal-Ftehim dwar l-estradizzjoni, f'konformità mal-Artikolu 20(1)(b) tiegħu, għall-Antilles tal-Olanda u Aruba. Tali estensjoni seħħet permezz tal-iskambju ta' nota diplomatika mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill mal-Missjoni tal-Istati Uniti tal-Amerika għall-Unjoni Ewropea fid-9 ta' Ġunju 2009, rikonoxxuta fin-nota diplomatika tal-Missjoni tal-Istati Uniti għall-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Ġunju 2009.
- (6) Fid-dawl tad-dħul fis-seħħ imminenti tal-Ftehim ta' Estradizzjoni UE-US, din l-estensjoni tal-ambitu territorjali għandha tiġi approvata mill-Kunsill,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

## Artikolu 1

Skont l-Artikolu 20(1)(b) tal-Ftehim dwar l-estradizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika, l-estensjoni tal-ambitu territorjali ta' dak il-Ftehim għall-Antilles tal-Olanda u l-Aruba hija b'dan approvata fisem l-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU L 181, 19.7.2003, p. 25.<sup>(2)</sup> ĠU L 181, 19.7.2003, p. 27.<sup>(3)</sup> ĠU L 181, 19.7.2003, p. 34.<sup>(4)</sup> ĠU L 291, 7.11.2009, p. 40.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. ASK

---